TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 148/15/GB

**Josephine Magro**

**vs**

**Eurosport – Michele Peresso Group of Companies**

Illum 2 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' Settembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebghin Ewro (€70.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal par żarbun li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema par żarbun kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat par żarbun minghand is-socjeta' ntimata fit-12 ta' Jannar 2015, pero' lmentat ma' l-istess socjeta' ntimata fit-28 ta' Gunju 2015, rigwardanti l-fatt li kienet kważi lanqas libset iz-zarbun in kwistjoni sitt darbi, meta sabet li kien hemm toqba fl-istess żarbun.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet il-par żarbun in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-'bank statement' bhala prova ta' kemm hallset meta xtrat iz-zarbun in kwistjoni, li ġiet immarkata bhala Dok.JM1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kienitx ippreżentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghat kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma ppreżentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni. Wara li ra l-provi, It-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' sebghin Ewro (€70.00) lir-rikorrenti, filwaqt li jordna lir-rikorrenti tirritorna z-zarbun in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**